TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 206/14/MS**

**Duncan Mifsud**

**vs**

**Right Deal Ltd**

Illum 2 ta' Frar 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrent Duncan Mifsud tat-2 ta' Ottubru 2014.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata tal-24 ta' Ottubru 2014.

Ra illi s-socjeta' konvenuta kienet notifikata bit-talba tar-rikorrenti fl-4 ta' Ottubru 2014.

Ra illi minkejja li s-socjeta' konvenuta ma pprezentatx ir-risposta fit-termini tal-ligi u kienet tardiva, xorta ser jikkunsidra x-xhieda ta' Alfred Bugeja, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati, sema' lix-xhieda kif ukoll it-trattazjoni tal-partijiet u ha konjizzjoni tal-atti kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra;**

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent, fit-28 ta' Jannar 2013, xtara Twintub Wespoint WT 6811 minghand is-socjeta' konvenuta ghal prezz ta' mitejn u tletin Euro (€230.00) liema magna kienet koperta b'garanzija ta' tnax il-xahar fuq *parts and labour* u sentejn fuq *electrical parts*. (Dok DM1)

Illi irrizulta wkoll illi f'temp ta' inqas minn sena, l-magna kellha hsara darbtejn bl-istess kawza. Giet irrangata darbtejn u t-technician kien biddel il-*parts.*

Illi pero, meta imbaghad saritilha hsara t-tielet darba (dejjem bl-istess problema), peress illi l-garanzija kienet ha tiskadi r-rikorrent ma riedx jissogra li jerga'

jirrangaha ghaliex beza' illi l-magna ftit xhur wara kienet ser terga' ttih il-problemi - umbaghad f'dik l-eventwalita' kien jispicca mhux kopert b'garanzija.

Illi l-attur xehed illi meta huwa xtara t-twintub qatt ma gie infurmat illi l-magna ma tiflahx ghal certu strapazz, kif gie infurmat wara mit-technician. B'danakollu, meta xehdet il-mara tal-attur, hi kkonfermat illi ma kenitx titfa' iktar hwejjeg milli suppost u qatt ma poggiet iktar piz milli suppost - (*6 kilos u 4 kilos* rispettivament).

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li ma gie bl-ebda mod ppruvat illi l-magna giet uzata b'mod hazin, kif ipprova jissugerixxi l-konvenut Alfred Bugeja, rapprezentant tas-socjeta' intimata.

Illi skond l-istess Bugeja, l-fatt illi l-magna intuzat ghal 7 xhur minghajr problemi kien ifisser illi l-magna ma kenitx difettuza minnha nnifisha. Skond hu, jekk il-magna kienet difettuza, id-difett kien jimmanifesta ruhu immedjatament u mhux seba xhur wara l-bejgh taghha.

**Ikkunsidra:**

Illi l-attur qed iqis illi l-magna Twin Tub mixtri minghand il-kumpanija intimata hija afflitta minn hsarat u difetti mohbija u mhix tajba ghall-iskop u l-uzu li nxtrat. Peress illi l-garanzija kienet ghadha vigenti fiz-zmien il-hsarat u minkejja kull tentattiv dawn il-hsarat ippersistu, qieghed jintavola din l-azzjoni abbazi tal-garanzija moghtija mill-kummercjant.

Illi min-naha l-ohra, s-socjeta' konvenuta qed tallega illi l-attur ma uzax il-magna kif suppost billi ghabbiha b'piz aktar minn dak stipulat ghall-istess magna; Hi offriet li issewwi l-magna ghat-tielet darba, izda l-attur irrifjuta u minflok istitwixxa din il-kawza.

**Ikkunsidra:**

Illi irrizulta illi seba' xhur wara l-attur xtara l-magna, u cjoe' meta l-magna kienet għadha taht garanzija) din zvilupatilha l-ewwel hsarat. Wara t-tiswija regghet intuzat, izda wara xi erba' xhur (ukoll fit-terminu tal-garanzija) regghet gratilha l-istess hsara. Din regghet issewwiet pero id-difett baqa' hemm peress illi f'Awwissu tal-2014, rega' mmanifesta ruhu.

Illi l-attur xehed li kien biss wara t-tielet darba, u meta induna illi l-garanzija kienet ha tiskadi illi biddel il-ħsieb u ghazel li ma jistriehx fuq it-tiswijiet tas-socjeta' konvenuta, kif kien ghamel qabel. Dan, l-attur kien gustifikat li jikkonsidra stante illi d-difett baqa' jippersisti tul it-terminu kollu tal-garanzija.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi anke kieku f''din it-tielet darba, il-garanzija kienet skadiet, peress illi kien l-istess difett, allura il-garanzija xorta kellha tibqa' torbot almenu ghal dak id-difett.

Taht il-kuntratt ta' bejgh, il-partijiet dahlu f'relazzjonijiet reciproci u l-bejjiegh obbliga ruhu li jzomm il-magna hielsa minn kull difett ghal sentejn. Huwa car li s-socjeta' konvenuta naqqset mill-obbligazzjonijiet taghha versu l-attur li hu ntitolat jitlob id-dissoluzzjoni tal-kuntratt skond l-art. 1069(1) tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tal-attur, jordna s-socjeta' konvenuta illi jhallas lura l-ammont ta' mitejn u tletin Euro 230.00 lill-attur, bid-dritt illi tiehu lura il-magna tal-hasil in kwistjoni. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**